# FIL-BERAĦ WAĦDI

*Ta'* V. Ungaro

Fil-beraħ waħdi fuq l-għoljiet mikxufa
Ngħaddi s-sigħat fil-kwiet kull fil-għaxija
F'xefaq il-bgħid nilmaħ ix-xemx mifruxa
Bejn sema w art ħuġġieġa ħamranija.

Minn ġewwa l-wied fil-bogħod, leħen ħarufa
Jokrob waqtiet. L-għasafar ġeġwiġija
Għas-satra tas-siġriet, mill-għajn mitlufa
Jingħaqdu lkoll fis-sliem "Ave Marija".

Is-skiet, il-ħemda b'dawl u dlam mogħnija
Għaxqet il-qalb, dehra tassew sabiħa,
Seħer misruq mill-art tal-Poeżija!

Iż-żifef ħelwa jitliegħbu ma' xagħri
Inisslu l-oħla ferħ, u b'ras mistrieħa
Ninsa li sar il-ħin biex immur f'dari.

4. 8. 49.